**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 28

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 26 u ta' Laqgħa Urġenti Numru 27

28.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa u l-minuti tal-laqgħa urġenti numru sebgħa u għoxrin. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

28.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia, il-minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa ġew approvati unanimament.

28.2.4 Fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti tas-sebgħa u għoxrin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 28.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Lokalita Numru 01

28.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

28.3.3 Fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondata mis-Sindku Anthony Dalli, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.4.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill biex jingħataw fondi ħalli tiġi rrestawratha ll-Kappella tal-Belliegħa. Huwa qal li l-Bord tal-għażla kitbilna biex nikkonfermaw li l-ġirien immedjati tal-Kappella ma jsibux oġġezzjoni li jsir ix-xogħol meħtieġ ta' restawr fuq il-Kappella. Għalhekk huwa komplia jgħid kif personalment tkellem kemm mal-Kappillan li għandu l-ġardina u mas-Sur Swain li huwa l-propjetarju tad-dar li tmiss minn naħa l-oħra. Dawn it-tnejn għamlu dikjarazzjoni li ma jsibux oġġezzjoni li jsir ir-restawr. Il-Bord ġie avżat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill b'dawn id-dikjarazzjonijiet.

28.4.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-applikazzjoni li huwa ssottometta ma' LESA għall-fondi biex tinxtara vettura eletric/hybrid. Il-Bord ta' evalwazzjoni kiteb lil kunsill biex jagħti aktar dettalji dwar l-applikazzjoni u xi stimi li nġabru biex l-kunsill jsostni aktar l-ammont mitlub kemm tal-vettura u kif ukoll tal-insurance. Dan sar u anke nġabret kwotazzjoni oħra ġdida ta' vettura li fuqha jista jitla siġġu tar-roti b'persuna. Is-sindku kompla jgħid kif is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bgħatet kollox kif mitlub u qabel il-ħin stipulat.

28.4.3.1 Is-Sindku tkellem u ta update lil kunsilliera dwar biċċtejn xogħol li l-kunsill kien talab għall-għajnuna dwarhom lil Infrastucture Malta. Huwa qal kif wara li s-Segretarju Eżekuttiv bgħatet xi reminders dwar proġetti li talab il-Kunsill Lokali biex isir titjieb fl-Ambjent, ġie mħejji meeting minn IM mas-Sur Fredrick Azzopardi fl-uffiċċju tiegħu f'Ħal Luqa. Għal din is-seduta, s-sur Dalli spjega kif huwa kin preżenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Azzopardi qal lis-sindku jfakru x'kien l-aħħar ftehiem li sar dwar it-tibdil tal-pavimentar fil-parti mit-Torri l-isfel fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Sindku spjega kif kellu jsir ix-xogħol kollu minn IM u l-Kunsill Lokali jħallas id-differenza tal-flus għall-wiċċ tal-bankini minn tarmac għal kull tip ieħor.

28.4.3.2 Is-Sur Azzopardi wieġeb kif ix-xogħol ser jinħadem daqsxejn differenti fejn, IM se tħallas għax-xogħol kollu u l-Kunsill Lokali jrid jieħu ħsieb iqabbad il-kuntrattur u l-perit li għandu kuntratt magħhom, u jitħallsu skond it-tariffa

ta' IM. Is-Sur Azzopardi qal ukoll li x-xogħol preparatorju jrid isir mill-Kunsill Lokali. Is-Segretaju Eżekuttiv immedjatament bdiet diġa tħejji biex jinbeda dan ix-xogħol. Hawn hekk is-Sur Dalli fakkar li kif diġa ġie diskuss f'seduta preċedenti oħra kien hemm approvazzjoni għal dan il-proġett u kull spiża relatata ser tittieħed mis-surplus li għandu l-kunsill fil-kotba.

28.4.3.3 Fl-istess seduta, wara li s-Segretarju Eżekuttiv kienet diġa ġibdet diversi drabi l-attenzjoni ta' IM dwar dik l-parti l-ġdida ta' Triq Carmelo Farrugia, Is-Sur Dalli qal kif huwa ppreżentha lis-Sur Farrugia ritratt ta' wiċċ din it-triq kif kienet darba waħda fil-ġranet tax-xitwa bl-għadajjar tal-ilma tax-xita. Is-Sur Azzopardi baqa mistaġeb u staqsa fejn kienet tinsab dik it-triq. Wara t-tweġiba tas-sindku, huwa qallu biex il-kunsill jaddotta għal din it-triq l-istess proċedura ta' xogħol li ser tiġi addottatha għal bankini ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Segretaju Eżekuttiv diġa bdiet ix-xogħol ta' preparazzjoni għal dan ix-xogħol, li mhux wieħed faċli. Is-sur Dalli kompla jgħid kif f'dawn l-aħħar jiem huwa flimkien mas-Sinjorina Borg iltaqaw mal-Perit tal-Kunsill li se jieħu ħsieb ix-xogħol u aktar importanti ċ-ċertifikazzjoni ta' dawn iż-żewġ proġetti.

28.4.4.1 Is-Sindku tkellem dwar xogħolijiet oħra ta' IM, li jitrattaw dwar re-surfacing fi Triq il-Kbira u Triq Ramiro Barbaro. Huwa spjega kif ftit tal-ġranet ilu ġie mistieden mill-Perit Rodney Micallef biex jattendi meeting ma' IM, il-kuntrattur, Enemalta, WSC , Melita u GO, dwar kif se jsir ix-xogħol ta' re-surfacing f'dawn it-toroq imsemmija hawn fuq. Waqt dan il-meeting saret diskussjoni fuq it-traffic management li ser tiġi addottatha sakemm ikun qed jsir ix-xogħol. Mid-diskussjoni, kien jidher li ser jinqeleb l-flow tat-traffiku kollu ġewwa Ħal Lija u għalhekk is-Sur Dalli qal li huwa ġibed l-attenzjoni b'traffic diversion aktar faċli li tista tiġi ntrodotta biex kollox jimxi aħjar.

28.4.4.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltqagħu mal-Perit Micallef dakinhar stess meta kellhom l-laqgħa mas-Sur Azzopadi u kelmuh dwar it-traffic management li qed jiġi propost. Is-sindku qal kif b'din il-proposta huwa ukoll ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill ta' Ħal Balzan.
Umbagħad wara dan, is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal seduta oħra fl-uffiċini ta' IM fejn hi kienet kapaċi tikkonvinċi lil dawk kollha preżenti li s-sistema li qed jissuġġerrixi is-sindku f'isem il-kunsill, tagħmel aktar sens, u filfatt jidher li ġiet aċċetatha.

28.4.5 Is-Sur Dalli tkellem fuq l-uffiċċjali tal-komunita u l-preżenza tagħhom fir-raħal. Huwa qal li l-kunsill qed jesperjenza problemi kbar bl-operat ta' dawn l-uffiċċjali. Dan għaliex qed jiġu ħafna residenti b'kontravenzjonijiet li ma jagħmlux sens u bla raġuni suffiċjenti. Kompla jgħid kif iltaqgħa mal-persuna responsabbli u ssolvew xi uħud mill-kontravenzzjonijiet li ngħataw iżda l-problema qed tikber kuljum. Is-Sur Dalli qal lil kunslliera li ser jibqa jagħtihom update tas-sitwazzjoni.

## 28.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 28.6 Rapport dwar il-ħitan tas-sejjieħ

28.6.1 Is-Sindku fil-qosor spjega kif il-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ beda tajjeb ħafna u għadu fi progress fejn fadal biċċtejn ħitan oħra li għadt iridu jiġu rrestawrati.

28.6.2 Is-Sur Dalli spjega kif kien qed jitħadded kemm mal-kuntrattur u kif ukoll mal-perit dwar din il-proġett u mid-dehra ser jifdal xi fondi minn dawk mgħottija u l-kunsill jaqbillu jara jekk hemmx xi ħitan oħra fir-raħal biex jutilizza l-kumplament tal-fondi għar-restawr tagħhom ukoll.

28.6.3 Filfatt is-Sindku ssuġġerrixxa li kemm il-darba jifdal biżejjed fondi huwa tal-parir li l-kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-ARPA biex jiġu rrestawrati biċċtejn ħitan oħra: l-ewwel ħajt fejn il-Knisja tal-Kunċizzjoni l-biċċa li baqa tal-kantuniera u t-tieni ħajt minn fejn tispiċċa l-għalqa ta' Duminku l'hemm.

28.6.4 Il-Kunsilliera unanimanent qablu mas-Sur Dalli u ngħatat il-konferma u l-approvazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv biex kemm il-darba jifdal fondi żejda hija għandha tikkomunika ma' ARPA u tressaq it-talba tal-kunsill għal restawr ta' aktar ħitan kif ġie diskuss.

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-lewwel rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Mar 2021

28.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan – Mar 2021. Dan ir-rapport ġie kkumpilat mill-*accountant* u l-*accounting technican* tal-kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lis-sindku u l-kunsilliera. Preżenti f'din il-parti tal-laqgħa kien hemm l-accountant tal-kunsill, is-sur Kevin Incorvaja.

28.7.2 Is-Sindku stieden lil Kevin biex jagħti spjegazzjoni dwar dan ir-rapport. Is-Sur Incorvaja rrimarka li minn Jannar sa Marzu 2020, bħala dħul b'kollox kien hemm valur ta' €94,069. Il-Kunsill kellu nefqa totali ta' €90,176 u b'hekk irriżulta li kien hemm surplus żgħir ta' €3,893. Saħansitra l-Kunsill bħala finanzi qiegħed aħjar minn kif kien ġie previst fl-aħħar baġit li kien ġie ppreparat. L-accountant u s-sindku rrimarkaw kif l-kunsill kien ikun terġa aħjar li kiku Wasteserv ħalset il-pagamenti li għandha pendenti u dovuti lil kunsill ta' kważi sena u nofs.

28.7.3 L-FSI għal dan il-perjodu huwa mmarkat 143%. L-accountant staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet pero mistoqsijiet dwar dan ir-rapport ma kienx hemm.

28.7.4 Dan ir-rapport ġiet approvat unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Dan ir-rapport għandu jittella fuq il-website tal-gvern lokali u kopja tiegħu tintbgħat anke lid-dipartiment bil-posta.

## 28.8 Jum Ħal Lija

28.8.1 Is-Sindku qal li reġgħa wasal iż-żmien fejn il-kunsill jibda jħejji ruħu għall-avveniment ta' Jum Ħal Lija li jiġi ċċelebrat fis-6 ta' Lulju 2021. Naturalment minħabba l-pandemija ta' Covid 19 dan l-avveniment ser jiġi ċċelebrat kif suppost inregola mal-miżuri tal-awtoritajiet tas-saħħa.

28.8.2 Is-Sur Dalli ppropona li alissa ssir quddiesa biss fil-knisja parrokkjali li tkun imqadsa mill-kappillan tar-raħal. Huwa ppropona li waqt din il-quddiesa jkun hemm Mezzo Sopran u għandu ħsieb jgħid lil Christine Dalli li toqgħod Ħal Lija stess flimkien ma' xi ħadd li jdoqq l-Arpa u xi vjolinist jew tnejn. Is-Sur Dalli qal li dan is-servizz ser jammonta bejn wieħed u ieħor għall-prezz ta' EUR 600 inkluż il-VAT. Huwa kompla jgħid li kemm il-darba il-kor parrokjali huwa possibbli li jipparteċipa minħabba r-restrizjonijiet tal-Covid – 19 dejjem jista jieħu sehem ukoll.

28.8.3 Is-Sindku ssuġġerixxa ukoll li l-Quddiesa tiġi ffilmjatha u live streamed fuq facebook u anke li jinżamm recording tagħha bħala tifkira. Min ser jgħin lil kunsill b'dan is-servizz għadt irid jibgħat l-prezz ta' din l-ispiża.

28.8.4 Naturalment is-sur Dalli qal li l-kunsill irid iżomm f'moħħu ukoll l-ispiża tat-tifkiriet li ser jingħataw lil persuni li jkunu ġew innominati waqt dan l-avveniment, kif isir kull sena. Nominazzjonijiet ser jiġu aċċettati abbażi tar-regoli l-ġodda li ħejja u approva l-kunsill fi seduta preċedenti u filfatt is-segretarju eżekuttiv ser tinforma lill-pubbliku via Facebook li daqt ser jinfetħu l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet ta' Ġieħ Ħal Lija.

28.8.5 Ser ikun hemm bżonn anke li ssir spiża żgħira għas-servizz ta' fotografu u għall-armar tal-bnadar fil-Pjazza.

28.8.6 Is-Sur Dalli qal kif dawn l-ispejjeż kollha se jittieħdu mill-fondi tar-Reġjun mill-iskema ta' attivitajiet Kulturali u Soċjali. Huwa qal ukoll li kemm il-darba jinbidlu xi miżuri tas-saħħa u titwaqqa l-miżura tal-attivitajiet tal-massa, l-kunsill dejjem jista jerġħa jiltaqgħa biex jiddiskuti xi tibdil fil-preparazzjonijiet ta' dan l-avveniment.

28.8.7 Il-Kunsill kollu unanimament qabel.

28.8.8 Is-Sur Ċini staqsa jekk sa din il-ġurnata mhux ser tilħaq tkun lesta l-arma tal-kunsill li kellha ssir fuq il-lava, wara il-knisja fi Triq il-Knisja. Is-Sindku wieġeb kif il-lava stone hija lesta pero l-arma għadha qed tiġi printed b'mod ieħor biex kemm jista jkun żgur ma tkunx tiżloq. M'hemmx garanzija meta ser titlesta din l-arma pero jaf xorta tkun lesta sas-6 ta' Lulju. Appena tkun lesta l-kunsill jaf jagħmel ċeremonja żgħira li għalija jkunu preżenti l-membri tal-kunsill biss.

## 28.9 Żieda ta' Dog bins madwar ir-raħal

28.9.1 F'din is-sezzjoni il-Kunsillier, Calcedonio Cini tkellem dwar in-nuqqas ta' dog bins li hawn fir-raħal u qal li filfatt avviċinawh diversi residenti b'talbiet biex il-kunsill jikkunsidra jweħħel aktar dog bins madwar ir-raħal. Is-Sur Ċini spjega kif għamel anke eżerċizzju żgħir u dar mar-raħal biex jara fejn l-aħjar jitpoġġew dawn id-dog bins il-ġodda, kemm il-darba jkun hemm qbil mill-kunsill kollu biex jiġu mplementati aktar.

28.9.2 Qabel ma tkellem is-Sur Cini, is-Sur Dalli qal kif il-fondi għax-xiri ta' dawn id-dog bins ser jittieħdu minn fondi li riċentament ġew allokati lil kunsill bħala rimborz tal-LESA mir-Reġjun Ċentru; fond totali ta' €1,722.28.

28.9.3 Is-Sur Cini tal-opinjoni li jitweħlu għaxar dog bins ġodda u qal kif bħalissa fir-raħal hawn biss xi sitta minn dawn il-bins. Fil-qosor huwa spjega li dawn għandhom jitweħlu kif ġej: wieħed fil-pjazza Trasfigurazzjoni ħdejn il-latrina pubblika, wieħed fl-inħawi tal-Knisja l-antika tas-Salvatur, wieħed fi Triq Preziosi fejn Villa Francia, wieħed fi Triq Preziosi Sqaq nru 2, wieħed fi Triq Daniel Sammut, wieħed fil-bidu ta' Triq Ħalmann, wieħed fi Triq Annibale Preca n-naħa ta' fuq, wieħed fi Triq Tal-Mirakli, wieħed fi Triq Carmelo Farrugia u l-aħħar wieħed fi Triq Massimiliano Debono. Jista jitweħħel anke wieħed fl-akwata ta' Ta'Senna. Is-Sinjorina Farrugia qalet li tajjeb jitweħħel wieħed ukoll fit-trejqa għall-Kappella tal-Belliegħa.

28.9.4 Il-viċi Sindku, Daniel Mallia, qal kif anke lilu qed javviċinawh ħabba nies u filfatt fakkar kif fi seduti tal-passat huwa kien diġa tela din il-materja għad-diskussjoni. Pero ġara li dak iż-żmienli ġiet diskussa din il-materja, id-dog bins kienu out of stock u l-unika dog bins li kien hemm għal bejgħ kieku kbar wisq u mhux addattati għar-raħal. Dan ikkonfermatu s-Segretarju Eżekuttiv. Barra minn hekk is-Sur Mallia qal li ssa kemm il-darba ser jiżdiedu d-dog bins huwa anke ħafna aktar importanti li dawn jitbatlu bi mod frekwenti u mhux ikunu dejjem mimlija.

28.9.5 Dwar dan il-punt tat-tbattil tal-bins, is-sindku qal li ssa appena jitweħlu fil-post, ser tintbgħat lista lil contracts manager biex dan ikun jista jiċċekja jekk mhux qed jitbatlu frekwenti u jekk le jinforma lil kuntrattur minnufih.

28.9.6 Il-Kunsill unanimament approva x-xiri ta' dawn l-għaxar dog bins ġodda.

## 28.10 Korrispondenza

28.10.1 Il-Kunsilliera għamlu domandi fuq diversi imejls u ttri li kienu mniżżla fir-rapport tal-korrispondenza, iżda s-sur Dalli ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv kif mhux il-bżonn li dawn id-domandi jitniżlu kollha fil-minuti peress li ħafna mill-imejls/ ittri li ntalbu l-klarifikazzjonijiet dwarhom m'humiex ta' materja daqshekk importanti anzi pjuttost sempliċi u ċari mmens. Il-Kiunsilliera reġgħu ġew mħeġġa jaraw l-file tal-korrispondenza minn qabel il-laqgħa.

28.10.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrisppondena bin-numru 0121/21 dwar SPI.SCI.5.2021- Community Inclusive Employment scheme 2021. Is-Sindku nfurmaha kif id-dipartiment ħareġ din l-iskema biex jagħti l-opportunita ta' impjieg għal-perjodu ta' sena (li dan il-kuntratt jista jiġedded) lil persuni li jbatu minn xi kundizzjoni jew disabilita. Huwa qal kif l-kunsill ser japplika għal din l-iskema umbgħad naraw jekk tiġix approvatha l-applikazzjoni. Is-Sindku spjega kif fl-applikazzjoni l-kunsill se jitlob għal persuna fuq bażi P/T, fejn xogħolha ser ikun jikkonsisti milli tagħmel superviżjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u tinforma lil kunsill b'mod regolari dwar x'jista jsir aħjar biex l-ambjent ta' dan il-ġnien ikompli jitjieb. Naturalment is-Sindku għamila ċara kif ta' dan l-impjieg il-kunsill ikun irid iħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali li b'obbligu għandha tiġi mħallsa minnu bħala *employer u* f'każ li jkun hemm bżonn li l-impjegat jaħdem siegħat żejda oltre minn dawk stabbiliti fil-kuntratt ta' l-impjieg. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u qablu dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ma setatx tgħarraf lil kunsilliera qabel b'din l-iskema minħabba l-azzjonijiet industrijali li hija kienet qed isseggwi taħt id-direzzjoni tal-Union.

28.10.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ukoll saqsiet dwar korrispondenza nru 0125/21. Is-Sur Dalli nfurmaha kif dik il-korrispondenza ukoll kienet titratta dwar skema oħra li l-kunsill ukoll għandu ħsieb jara kif japplika għaliha, pero l-probabbilta hija li l-kunsill lokali ma tantx ser jkollu ċans jibbenifika minn dawn il-fondi peress li huma aktar dawk il-lokalitajiet li għandhom problemi soċjali li jibbenifikaw minn skema bħal din u dan biex ikollhom l-għajnuna. Ġewwa Ħal Lija ma tantx hawn każijiet hekk.

28.10.4 Is-sinjorina Farrugia għamlet mistoqsija fuq korrispondena nru 0142/21 u staqsiet kienx hemm update. Is-Sindku wieġeb li le, update dwar l-enroachment tal-pitch ma kienx hemm minkejja li l-approvazzjoni jidher li ħarġet mingħand il-Lands, pero la kuntratt ta' dan l-encroachment u lanqas korrispondenza ġdida ma ntbgħatet. Dik il-

korrispondenza li staqsiet dwarha s-Sinjorina Farrugia kienet biss reminder li bgħat il-President tal-klabb tal-futbol fuq is-suġġett ikkonċernat.

28.10.5 Is-Sinjorina Farrugia xtaqet tkun taf x'inhi korrispondenza nru 0163/21. Is-Sindku wieġeb kif resident qed jissuġġerrixi li t-telephone box li hemm quddiem ir-residenza tal-ambaxxatur ġermaniż tiġi kkonvertita fi librerija żgħira. Din hija inizjattivita li ħafna kunsilli lokali qed jieħdu. Is-sindku qal kif ser jikkunsidra dan is-suġġeriment għax minnu jaf anke joħroġ element ta' informazzjoni u edukazzjoni. Il-Kunsilliera qablu ukoll mas-sindku.

28.10.6 Il-Kunsillier Ċini għamel rimarka dwar korrispondenza nru 0166/21 li kienet titratta dwar l-implementazzjoni ta' greenwall fi Triq Nazju Cortis. Is-Sindku spjega kif l-kunsill qed jikkonsulta mal-perit u jieħu pariri dwar il-progress tal-implementazzjoni ta' dan il-greenwall. Huwa ser iżżomm lil kunsilliera aġġornati appenna jkollu xi aħbar ġdida.

## 28.11 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

28.11.1.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni għal xiri ta' cat kennels</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' cat kennels, inkonnessjoni mal-iskema tal-LC Grant Scheme li qed jibbenifika minnha l-kunsill. Hija fakret kif il-kunsill kien applika biex €1,000 mill-fondi jiġu utilizzati fuq xiri ta' kennels. Hija qalet li wara ħafna tfittxija u imejls, żewġ kwotazzjonijiet biss irċeviet.

28.11.1.2 Is-sinjorina Borg kompliet tispjega kif fi kwotazzjoni minnhom hemm prezz ta' kennels magħmulin bi plastic apposta u fil-kwotazzjonijiet l-oħra hemm prezz ta' kennels magħmulin minn materjal qisu tal-injam. Hija qalet kif dawn iż-żewġ tipi ta' kennels, it-tnejn li huma bħala materjal huma approvati mill-animal welfare u għandha konferma ta' dan bil-miktub. Is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsill bl-liema kwotazzjoni jixtieq jipproċedi u xtaqet indikazzjoni aktar ċara jekk dawn il-kennels mhux ser jiddeċiedi il-kunsill fejn ser jitpoġġew jew jekk mhux inkella ser jitqasmu lil cat feeders li jurui interess fihom u jaraw huma fejn jixtiequ jpoġġuhom. Hija qalet kif oriġinarjament il-kunsill kien qal biex dawn mhux jingħataw lil feeders imma jitpoġġew fil-ġnien ċentru rikreattiv biex il-qtates jkollhom fejn jistkennu. Hija qed tistaqsi jekk il-ħsieb tal-kunsill għadux l-istess jew le.

28.11.1.3 Is-Sindku kkonferma kif dawn il-kennels mhux ser jitqasmu individwalment lil feeders iżda ser jitpoġġew fil-ġnien biss bħala sheltering.

28.11.1.4 Rigward ix-xiri tat-tip ta' kennels ġie deċiż li għandu jsir meeting ma' dawk il-cat feeders li jieħdu ħsieb ammont kbir ta' qtates, mas-sindku Anthony Dalli, mas-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg u mal-kunsillier Joseph Zahra. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tmexxi fuq bażi ta' dak li jiġi diskuss f'dan il-meeting. Il-Kunsilliera unanimament qablu u taw l-approvazzjoni lis-Sinjorina Borg biex tmexxi kif inhu l-aħjar.

28.11.2.1 <u>Ittra mingħand ERA</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ittra mingħand ERA li l-kunsill irċeieva bid data 18 ta'Mejju fejn din l-ittra tgħid li kien hemm xi tibdil fil-liġi u l-kunsill obbligat li jiprovdi fir-raħal set ta' recycling points għax kemm il-darba f'raħal ma jkunx hemm dawn il-points, l-kunsill ser jeħel xi penali. Filfatt l-ittra tgħid kif dawn il-points iridu jitweħlu fi żmien ta' erbgħa ġimgħat.

28.11.2.2 Is-Sindku tal-parir li s-segretarju eżekuttiv tibgħat imejl lil ERA biex tinfurmahom li l-kunsill għandu ħsieb iweħħel dawn il-points u filfatt applika għall-skema tal-Gvern tal-immaġnirjar tal-iskart 'Smart solutions' bl-għajnuna ta' greenpak, propju biex jingħataw fondi ħalli jitweħlu dawn il-points. Kemm il-darba ERA ma taċċettax din il-korrispondena l-kunsill għandu jerġa jiltaqgħa u jiddiskuti ħalli naraw x'jista jsir anke bl-għajnuna ta' Greenpak. Il-kunsilliera unanimament qablu.

28.11.3.1 <u>Talba biex Triq Fernand Gregh issir one-way</u>
Residenti avviċinat lil kunsill biex jikkunsidra jagħmel Triq Fernand Gregh one-way.

28.11.3.2 Is-Sindku qal kif din hija talba li wieħed jrid jaħseb sew dwarha u ma ttieħidtx deċiżjoni mgħaġġla. Is-Sur Dalli qal kif huwa jissimpatizza ma' din ir-residenta li qed tressaq l-ilment għax triq Fernand Gregh vera m'għadhix tiflaħ għal traffiku two-way pero jekk din tinqeleb one-way jaf ikun hemm konsegwenzi għal ħaddieħor. Is-sindku spjega kif avviċinah xi ħadd li jekk tinqeleb one-way jaf jiġi affetwat in-negozju tiegħu bi nuqqas ta' bejgħ peress li ħafna mill-karozzi minn Triq Fernand Gregh jiġu biex jixtru.

28.11.3.3 Għalhekk is-Sindku qal li ser jiltaqgħa mar-residenti li resqet it-talba biex it-triq issir one-way, ħalli jara eżatt x'inhu l-periklu u jekk hemm bżonn anke jsiru xi counts ta' kemm qed jgħaddu karozzi two-way minn Triq Fernand Gregh. Huwa qed jissuġerrixi li alissa jsir hekk biss biex l-kunsill ma jieħux deċżjoni mgħaġġla u jaffetwa lil xi ħadd ħazin u

ser jiprova jsib it-triq tan-nofs li biha kulħadd ikun sodisfat. Hija idea tajba li it-triq tiġi one-way toħroġ il-barra lejn Vjal it-Trasfigurazzjoni għax anke sservi tajjeb għal meta ssir il-purċissjoni pero wieħed umbgħad irid joqgħod attent biex ma jiġi affetwat ħażin l-ebda negozju. Il-Kunsilliera qablu.

28.11.3.4 Is-Sindku talab lil kunsilliera biex sa dan it-tant jitħadtu man-nies u anke jissottomettu l-opinjoni tagħhom. Is-Sinjorina Farrugia tat parir biex anke tintbgħat ittra lir-residenti pero alissa mhux ser jintbgħatu ttri. Is-Sindku qal li din hija xi ħaġa li tintbgħat fl-aħħar stadji biss.

28.11.4.1 <u>Talba biex jerġgħu jsiru l-bollards li kien hemm fi Triq G.Cali</u>
Resident qed jitlob biex jerġgħu jitweħlu l-bollards li fil-passat kien hemm fi Triq G.Cali.

28.11.4.2 Is-Sindku qal li dawn la kienu diġa hemm jistgħu jerġgħu jiġu orndati. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li vera dawk il-bollards kienu diġa hemm minn żmien antik pero hija jidhirla li permess għalihom minn TM qatt ma kien hemm fil-verita.

28.11.4.3 Il-Kunsilliera qablu li dawn il-bollards jerġgħu jitweħlu mill-ġdid u s-segretarju Eżekutiv ser tiċċekja jekk kienx hemm permessi ħalli filkas jitweħlu bil-permess kif suppost.

28.11.4.4 Is-sinjorina Farrugia hawnhekk tkelmet fuq bollard oħra li m'għandix x'taqsam mas-suġġett u ma' dawn il-bollards ta' Triq G.Cali. Hija qalet li hemm bollard fi Triq il-Mitħna li ukoll hemm bżonn tiġi replaced.

28.11.5.1 <u>Talba fi Triq il-Knisja biex jitbaxxa l-għoli tat-triq</u>
Residenta li toqgħod Triq il-Knisja qed titlob biex tonqos l-għoli tat-triq għat-tarġa t'isfel tagħha li għandha mal-bieb, minħabba problema ta' nuqqas ta mobbilta. Ġara li fil-passat meta l-kunsill għamel din it-triq it-tarmac ma sarx kif kien bħala ħxuna u biex din is-sinjura titla fuq it-tarġa tagħha mit-triq, issa hemm daqsxejn ta' diffikulta għaliex wieħed jrid jagħmel pass aktar għoli biex jitla t-tarġa. Is-Sinjura spjegat li qabel ma kinetx tagħti każ dan, pero issa kibret fiż-żmien u m'għadhix tiflaħ titla sew.

28.11.5.2 Is-Sur Dalli ħareġ minn din id-diskussjoni peress li r-residenta li qed ressqet it-talba tiġi minnu.

28.11.5.3 Wara spjegazzjoni tat-talba mis-Segretarju Eżekuttiv, saret diskussjoni żgħira bejn il-kunsilliera u ġie deċiż unanimament li lil din ir-residentia ssirilha xi ħaġa biex ma tibqax bl-inkonvenjza l-għandha.

## 28.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

28.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, kien hemm applikazzjoni waħda alarmanti u fuq suġġeriment tat-town planner tal-kunsill, ġiet ppreparatha ttra ta' rapreżentazzjoni. L-applikazzjoni li fuqha ġiet sottomessa din l-ittra hija:
PA 02378/21 - St. Joseph Farm, Triq il-Mithna & Triq Depiro Gourgion, Lija.

28.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li daħlet applikazzjoni oħra fi Main str bin numru PA 03277/21, u fuq konsultazzjoni tat-town planner u anke xi talbiet tan-nies biex il-kunsill joġġezzjona, qed tiġi preparatha ttra mit-town planner biex tiġi ppreżentatha lil MEPA bħala oġġezzjoni.

28.12.3 Is-sindku tkellem dwar PA 00170/19 fi Triq Merino, fejn qal li sar sit meeting ieħor riċenti fl-20 ta' Mejju, li huwa attenda għalih pero kien daqxejn iddiżappuntant għaliex ħadd mir-residenti ma kien preżenti fuq il-post għal dan il-meeting.

28.12.4 Is-Sindku fakkar ukoll lil kunsilliera kif fit-2 ta' Ġunju ser ikun hemm ukoll webinar onlajn dwar PA 07741/20 – La Fontana, 28, Triq Giovanni Barbara c/w Triq Pawlu Galea Lija. Il-Link għadha mhux aċċessibbli u din tintbgħat la toqrob aktar il-ġurnata minn rapreżentant tal-awtorita tal-Ippjanar.

## 28.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

28.13.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat kif fi Vjal it-Trasfirugazzjoni fejn hemm it-Torri, in-naħa tal-bus stop hemm siġra daqsxejn qasira li hemm bżonn tinżabar. Is-sindku wieġeb kif il-ġardinar diġa jaf b'din is-siġra għax kumbinazzjoni kelmu hu diġa.

28.13.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm il-pavimentar tal-playingfield fil-ġnien tal-Mirakli maqlugħ. Kemm is-Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll is-Sindku wieġbu kif din mhux xi aħbar ġdida u l-kunsill diġa jaf b'din il-problema. Fakkruha ukoll li l-kunsill huwa pro attiv qed jara x'jista jsir u saħansitra anke applika għall-skema tal-gvern tal-playingfields u jekk din l-applikazzjoni tiġi aċċettatha, parti mill-fondi ser jintużaw biex jinbidel it-tapit ta' dan il-playingfield. Din hija materja li l-kunsill kien diġa laħaq qbil dwarha fi seduta oħra fejn l-kunsilliera kollha qablu u kienu nfurmati.

28.13.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħat tkelmet dwar il-community gardens li hija tixtieq tagħmel fir-raħal kif għamlu tal-heritage Malta. Hija reġgħat qalet li kienet issuġġeriet żewġ postijiet fejn jista jsir dan il-community garden jew fil-ġnien fejn it-tennis club jew inkella fis-soft area ta' fejn il-ground. Is-Sindku qal kif l-aħjar li kiku dan il-garden isir fejn il-ground għaliex fejn it-tennis club problema ħabba siġar. Is-sindku talab lil kunsilliera biex jaħsbu dwar dan biex kemm il-darba jkun hemm qbil umbagħad jingħata parir minn espert ta' kif l-aħjar għandu jitwettaq dan il-proġett. Is-sinjorina Farrugia qalet kif għall-aktar pariri tista anke terġa ssir konsultazzjoni mal-heritage filkas.

28.13.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħat staqsiet ukoll jekk il-kunsill jistax jingħaqad ma' Richmond Foundation biex isiru korsijiet għar-residenti dwar l-ADHD u d-dimensia. Is-Sindku għal darb oħra reġgħa qal li r-Reġjun Ċentru diġa qed jieħu inizjattivi li jiġu mħejjija korsijiet simili u għalhekk biex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' korsijiet huwa tajjeb li naraw x'ser jofri r-Reġjun l-ewwel. Huwa qal kif daqt fil-jiem li ġejjien ser jattendi laqgħa ir-Reġjun dwar il-korsijiet biss u appena din issir ser jagħti feedback lura lil kunsill umbgħad niddeċiedu minn hemm jekk il-kunsill għandux iħejji korsijiet għal rasu jew le.

28.13.6 Hawnhekk is-Sindku waqqaf lis-sinjorina Farrugia u spjegala kif huwa inaċċettabli li affarijiet bħal dawn u lmenti żgħar jiġu mtella fit-tmiem. Huwa talaba biex meta jkollha lmenti żgħar hekk tibgħathom bl-imejl lis-Segretarju Eżekuttiv għaliex ħafna mill-ilmenti li qed jissemmew fit-tmiem m'hemmx għalfejn jittellaw laqgħa, u lanqas hemm bżonn dan id-dewmien kollu biex jiġu solvuti. Is-Sinjorina Farrugia qalet li għandha ħafna materjal x'tiddiskuti peress li nqabżet laqgħa minħabba l-azzjonijiet industrijali li saru mis-Segretarji Eżekuttivi. Is-Sindku xorta waħda saħaq kif ċertu diskussjonijiet ma jistgħux jibqgħu jsiru aktar fit-tmiem u din hija l-aħħar darba li ser siru.

28.13.7 Is-Sinjorina Farrugia saqsiet jekk il-kunsill kellux feedback dwar il-manutenzzjoni fuq il-bus shelters, li qed tieħu ħsieb l-AKL ma' Faces. Is-Sindku wieġeb kif le update ma kienx hemm u mistoqsija sempliċi bħal din setat tintbgħat b'imejl biex tintbgħat risposta mis-Segretarju fi żmien qasir.

28.13.8 Is-Sinjorina Farrugia staqsiet lis-Sindku jekk kienx sab youth worker li jistgħu jopera għall-benefiċċju tar-raħal u biex jgħin f'xi problemi soċjali li jaf ikollhom iż-żgħażagħ. Is-Sindku qal kif għadu ma sab lil ħadd u ser jibqa jfittex biex jara jsibx lil xi ħadd.

28.13.9 Is-Sinjorina Farrugia qalet kif fi Triq K.ferretti hemm għalqa privata li fiha qed issir dumping taż-żibel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-kunsill ma jafx ta min hi dik l-għalqa għax huwa is-sid responsabbli milli jnaddafa u barra minn hekk saru ukoll diversi rapporti l-għassa dwar dan. Ma tantx jista jsir aktar minn hekk.

28.13.10 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia ressaq suġġeriment biex il-kunsill ikollu App li biha residenti jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod aktar faċli mal-kunsill dwar dak li jkollhom bżonn, kemm jekk huwa lment, permess, bulky refuse etc. Huwa kompla jgħid kif li tagħmel l-app umbgħad huwa li tiġi pprogrammatha biex tinnotifika lis-segretarju u l-istaff b'imejl b'dak li jkunu jixtieqU r-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal kif sistema simili għal din diġa qiegħda nseħħ u topera li hija dik is-sistema tal-website tal-kunsill lijalocalcouncil.com. Hija qalet kif residenti diġa jistgħu pereżempju jibbukjaw għas-servizz tal-bulky, street light, jibagħtu lment jew queries oħrajn li jkollom b'din il-website umbgħad il-website tinnotifika lil kunsill b'imejl bit-talbiet tan-nies.

28.13.11 Il-viċi sindku tkellem ukoll fuq l-iskema tal-Wifi4EU fejn xtaqt ikun jaf kif baqa dwarha l-kunsill. Is-sindku wieġeb kif suppost id-DLG qed jieħu ħsieb japponta kuntrattur għal kunsilli lokali kollha li applikaw għal din l-iskema inkluż Ħal Lija. Is-Sur Dalli qal lis-Sur Mallia li ser iżommu aġġornat b'kull tip ta' komunikazzjoni ġdida dwar din il-materja.

28.13.12 Il-Kunsillier Ċini staqsa fiex wasal ir-restawr fuq it-Torri Belvedere u fakkar fil-kommemorazzjoni żgħira tal-mitt sena meta Malta ħadet l-ewwel kostituzzjoni, li kellha ssir fuq it-Torri appenna dan ikun lest. Is-Sindku qal kif ir-restawr fuq it-Torri Belvedere mixi pero fadal ukoll xogħol xi jsir fuqu.

28.13.13 Il-laqgħa ntemmet fil-6:30pm.

28.13.14 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm onaljn.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |